MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MALLIA TONIO

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1097/2002

**Theresa Azzopardi**

**Vs**

**Emidio Azzopardi u Elenor Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici ipremettiet illi hija kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta' hamest elef, disa' mija u sitta u erbghin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (LM5,946.42), ammont rapprezentanti self brevi manu versat mill-attrici favur l-istess konvenuti, f'diversi pagamenti maghmula fuq il-kontijiet bankarji numri 15023367 u 14023360 mal-Bank kummercjali HSBC;

Ipremettiet illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu l-imsemmi bilanc izda baqghu inadempjenti;

Ipremettiet illi l-imsemmi kreditu ta' l-attrici huwa cert, likwidu u ezigibbli u, sa fejn taf l-attrici, il-konvenuti m'ghandhom ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza

kontra t-talba taghha ghall-hlas ta' din is-somma, kif jidher mill-affidavit taghha hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

Ipremettiet illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta' l-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu ghalhekk il-konvenuti, jew minn minnhom, ghaliex ghar-ragunijiet premessi:

1. m'ghandiex din il-Qorti taghti sentenza u tilqa' t-talba ta' l-attrici bla ma tghaddi ghas-smigh tal-kawza kif provdut fl-Artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Proceduri Civili (Kap. 12); u

2. hekk tikkundanna minnufih lill-konvenuti jhallsu lill-istess attrici s-somma ta' hamest elef, disa' mija u sitta u erbghin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (LM5,946.42), fuq imsemmija, dovuta kif intqal fuq.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi kontra l-konvenuti, jew min minnhom, ingunti ghas-subizzjoni. Bir-riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-attrici

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Moqrija.

IMHALLEF

D/REG